**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 275/2021 RM**

**Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi il-Kurunell Alexander Dalli**

**-Vs-**

**Yendrick Cioffi bħala awtur tal-artikolu fil-gazzetta 'Illum'**
**Saviour Balzan bħala Editur tal-gazzetta 'Illum'**
**Albert Gauci Cunningham bħala Editur tal-gazzetta 'Illum'**
**u**
**Emmanuel Cassar bħala intervistat**

**Illum, 10 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu l-attur, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi il-Kurunell Alexander Dalli talab il l-konvenuti jħallsuh dik is-somma li l-Qorti tiddetermina ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama li huwa sofra, meta bhala awtur, edituri u intervistat rispettivament tal-artikolu intitolat 'Daħħal l-arma f'ħalq

priġunier....jekk mhux se toqgħod ta' nies, naħlija fuqek' ippublikat fil-ġurnal kemm dak eletroniku u kif ukoll stampat ILLUM, nhar il-Hadd 10 ta' Ottubru, 2021, tajt malafama lill-attur b'allegazzjonijiet foloz u malafamanti fejn, fost ohrajn, allegajt li huwa kien responsabbli ta' agir abbuziv permezz ta' theddid serju ktibt il-kliem u nikkwota dirett mill-artikolu "mar fuq prigunier, daħħallu l-arma f'ħalqu u wissih: jekk mhux sa toqgħod ta' nies, din fuqek naħliha". Dan huwa każ ieħor li fiċ-ċentru tiegħu hemm id-Direttur tal-Ħabs Alex Dalli" u kif ukoll "Sema' l-għajjat u ġie. Daħlilha l-arma f'ħalqa biex tieqaf", fost oħrajn.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenuti Yendrick Cioffi, Saviour Balzan u Albert Gauci Cunningham fl-1 ta' Novembru 2021 fejn eċċipew:-

"*1. Preliminarjament, l-esponent Albert Gauci Cunningham ghandu jigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi mhuwiex l-editur registrat tal-gazzetta Illum.*

*2. Fil-mertu, l-attur ghandu fl-ewwel lok jindika b'mod preciz liema brani jqis malafamanti fil-konfront tieghu.*

*3. F'kull kaz, il-fatti esposti fil-pubblikazzjoni ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz.*

*4. Bla hsara ghall-premess, il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'rapurtagg fidili tal-fatti u opinjonijiet forniti minn persuna identifikata ossia l-intimat l-iehor Emmanuel Cassar. Konsegwentement l-esponenti ma ghandhomx iwiegbu ghalih anke jekk semmai jirrizulta li dak li qal huwa malafamanti fil-konfront tal-attur*

.

*5. In oltre', il-pubblikazzjoni hija ta' interess pubbliku u l-esponenti kienu qed jaqdu korrettement id-dmirijiet taghhom li jirraportaw dwar ahbar ta'*

*importanza pubblika f'socjeta' demokratika li thaddan bi shih il-liberta' tal-espressjoni.*

6. *Minghajr pregudizzju, il-pubblikazzjoni tikkostitwixxi fair comment.*

7. *In oltre', it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi.*

8. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri"*

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Emmanuel Cassar fis-16 ta' Marzu 2022 fejn eċċepixxa:-

*"1. Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-artikolu de quo rakkont fejn l-esponent ta l-fatti sostanzjalment veri u kif irrizultaw lilu, u ghamel kummenti li jitqiesu bhala fair comment, dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f'socjeta' demokratika, kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*2. Illi ghalhekk, id-diskors tieghu fl-okkazzjoni indikata mill-attur, m'huwiex libelluz fil-konfront ta' l-istess attur.*

*Bl-ispejjez u r-rikorrenti minn issa ingunti in subizzjoni"*

Semgħet lil Dr. Andrew Saliba għall-konvenuti Saviour Balzan, Yendrick Cioffi u Albert Gauci Cunningham jiddikjara fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021 illi l-editur reġistrat tal-gazzetta 'Illum' huwa Saviour Balzan;

Rat illi in vista ta' din id-dikjarazzjoni u permezz ta' nota ppreżentata fid-29 ta' Novembru 2021, l-attur ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenut Albert Gauci Cunningham;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fit-3 ta' Mejju 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ippreżentata mill-konvenuti Yendrick Cioffi u Saviour Balzan fit-18 ta' Mejju 2023;

Rat illi l-konvenut Emmanuel Cassar baqa' ma ppreżenta ebda nota ta' sottomissjonijiet minkejja li ġiet hekk awtorizzat b'digriet tat-3 ta' Mejju 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur ħassu malafamat bl-artikolu li ġie pubblikat fil-ħarġa tal-gazzetta Illum intestat "***Daħħal l-arma f'ħalq il-priġunier ... jekk mhux se toqgħod ta' nies, naħlija fuqek***".

Għalkemm fir-Rikors promotur l-attur indikat d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-artikolu bħala 10 ta' Ottubru 2021, ħarsa lejn il-kopja tal-pubblikazzjoni annessa mal-istess Rikors (Dok. A) turi li l-artikolu ġie pubblikat fil-ħarġa tal-gazzetta Illum tal-Ħadd 11 ta' Ottubru 2021 u mhux fl-10 ta' Ottubru 2021. Il-Qorti sejra għalhekk tikkunsidra t-talba tal-attur – ġaladarba din saret speċifikatament b'referenza għall-pubblikazzjoni annessa mar-Rikors - bħala talba bbażata fuq l-artikolu pubblikat fil-11 ta' Ottubru 2021. Il-konvenuti mhux biss ma ressqu ebda eċċezzjoni fir-rigward iżda

ttrattaw l-azzjoni għal malafama esperita mill-attur bħala waħda li saret fir-rigward tal-pubblikazzjoni annessa mar-Rikors promotur. Fuq kollox u f'kull każ, din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha m'hijiex prekluża milli tiġġudika dwar jedd ieħor spettanti lill-attur li jirriżulta ppruvat, anke jekk dan ma jaqax preċiżament fil-jedd imsemmi fir-Rikors promotur tal-azzjoni[1].

Stabbilit dan, jirriżulta illi l-attur ħassu aggravat speċifikatament bis-segwenti brani li ġew ċitati espressament fir-Rikors promotur kif ukoll indikati bil-kulur isfar fl-artikolu stampat anness mar-Rikors promotur 'Dokument A':-

"*Mar fuq priġunier, daħħallu l-arma f'ħalqu u wissih: 'Jekk mhux se toqgħod ta' nies, din fuqek naħliha'. Dan huwa każ ieħor li fiċ-ċentru tiegħu hemm id-*Direttur *tal-Ħabs Alex Dalli.*
...
*Sema' l-għajjat u ġie. Daħlilha l-arma f'ħalqha biex tieqaf.*"

Għalkemm l-attur fir-Rikors promotur ta x'jifhem bl-użu tal-kliem "*fost oħrajn*", illi hemm iktar brani fl-artikolu impunjat li ħassu malafamat bihom, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021 l-abbli avukat tiegħu iddikjara espressament illi "*s-silta allegatament malafamanti fl-artikolu impunjat hija biss dik li ġiet ċitata fir-Rikors promotur u li tinsab indikata bil-kulur isfar f'Dok. A anness mal-istess Rikors*".

Dan ifisser għalkemm huwa xehed illi huwa kien iġorr l-arma tan-nar fuq il-persuna tiegħu ġewwa l-ħabs "*f'ċirkostanzi eċċezzjonali*", l-attur ma ħassux aggravat għall-fini ta' din il-kawża bis-siltiet fl-artikolu fejn ġie rapportat li kien iżomm arma tan-nar fuqu ("*Iżomm l-arma fuq ġenbu, f'pocket kannella*"), li l-gwardjani kienu armati "*qishom ġejja xi gwerra*", li kien jordna lill-gwardjani kienu jiġu ordnati jwettqu l-ispezzjonjiet armati b'lembuba u bit-tarka, li jrid iwerwer lill-priġunieri bit-tqegħid ta' siġġu tal-kastig, li kien jeħdilhom il-possessjonijiet tagħhom kollha inkluż

---

[1] Artikolu 215 tal-Kap. 12.

televiżjonijiet żgħar b' "*vendikazzjoni*", u li kien jitfa' l-priġunieri ġodda fid-Division 6 bħala "*kastig*". Fil-fatt l-attur fix-xhieda tiegħu ma jsemmi xejn dwar is-siġġu u l-allegazzjonijiet l-oħra appena msemmija, għajr li jiċħad b'mod ġenerali li huwa qatt għamel "*dak li qed jiġi allegat fuqi*". Din iċ-ċaħda, iżda, il-Qorti sejra tapplikaha għall-allegazzjonijiet impunjati minnu f'dan il-libell għaliex l-istħarriġ tagħha, fid-dawl tad-dikjarazzjoni li saret fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021, għandha tiġi limitata biss għal dawk id-dikjarazzjonijiet u brani espressament indikati mill-attur bħala malafamanti.

B'mod ġenerali, l-artikolu jirrapporta intervista li saret lill-konvenut Emmanuel Cassar, eks gwardjan tal-ħabs li kien ġie mkeċċi mill-impieg tiegħu fil-ħabs mill-attur innifsu ftit taż-żmien qabel wara li ngħata sensiela ta' trasferimenti. F'din l-intervista, il-konvenuta Cassar qal li l-attur kien imqabbad miegħu u keċċih abbażi ta' telefonata li kien għamel lill-Assistent Direttur tal-Ħabs Randolph Spiteri dwar xi diżwid li kellhom fuq il-qmis tal-uniformi. Fl-intervista rapportata, il-konvenut tkellem dwar episodji li kien xhud tagħhom meta kien għadu jaħdem il-ħabs, fejn iddeskriva d-dixxiplina eċċessiva u trattament abbużiv tal-priġunieri, kif ukoll ġarr ta' armi fil-ħabs da parti tal-attur u persuni viċin tiegħu. Ġew rapportati wkoll iċ-ċirkostanzi tat-tkeċċija allegatament inġusta mill-impieg tiegħu – abbażi ta' dak li ġie dikjarat mill-istess konvenut waqt l-intervista - u l-fatt li huwa spiċċa mingħajr pensjoni għaliex ġie mkeċċi biss ftit xhur qabel temm il-ħamsa u għoxrin sena servizz.

**<u>Provi mressqa mill-Attur</u>**

**Alexander Dalli, l-attur**, xehed illi huwa safa fil-mira ta' attakki ripetuti fil-midja fejn ġie allegat li huwa mexa b'aġir abbużiv fil-kariga tiegħu ta' Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Ċaħad kategorikament li huwa qatt uża l-kliem pubblikat fl-artikolu u li wettaq l-azzjonijiet deskritti fl-istess artikolu u ddeskriva l-allegazzjonijiet bħala "*gideb sfaċċat*". Xehed illi minħabba dan il-gideb li ġie pubblikat, ir-reputazzjoni tiegħu bħala Kurunell b'ħamsa u għoxrin sena servizz fl-armata, ġiet mittiefsa għaliex diversi persuni saqsewh dwar dak li ġie pubblikat.

L-attur fisser illi huwa kien iġorr arma tan-nar fuqu fil-ħabs biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali skont kif tipprovdi l-liġi fl-Att dwar il-Ħabs u dan kien jagħmlu għas-sigurta' ta' dawk kollha li jkunu fil-Faċilita': priġunieri, ħaddiema u uffiċjali. Huwa kien jawtorizza wkoll lil xi uffiċjali biex f'ċirkostanzi eċċezzjonali iġorru wkoll arma tan-nar fil-ħabs. Stqarr illi kien isib ħin kuljum biex ikellem lill-priġunieri iżda qatt u fl-ebda ħin ma hedded lil xi priġunier. Xehed ukoll illi fiz-żmien li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Faċilita', kien hemm priġunieri li huma ta' riskju għoli u f'dan l-ambjent ta' perikolu huwa kellu jkun lest għal kull eventwalita'. Kemm hu hekk, taħt it-tmexxija tiegħu kienu ġew elevati numru kbir ta' armi mingħand priġunieri ġewwa l-Ħabs, inkluż arma tan-nar.

l-attur xehed ukoll li kien introduċa diversi riformi fil-ħabs, fosthom testjar għal droga, *body scanners,* MI room, ilma potabbli, *baggage scanners* u titjib fil-preparazzjoni tal-ikel u l-ikbar riforma li wettaq kien li qata' d-droga mill-ħabs u huwa kburi tal-legat li huwa ħalla għal min ġie warajh li qed igawdi l-frott tar-riformi kollha li għamel.

**Carmel Bonnici**, *Senior Inspector* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin inkarigat mir-reklutaġġi, xehed illi huwa ilu jaħdem fil-Faċilita' sa mill-1989 u ħadem ukoll taħt id-direttorat tal-attur. Iddeskriva lill-attur bħala persuna b'esperjenza siewja li kiseb suċċessi importanti fi ħdan il-ħabs u bħala dedikat ħafna lejn xogħolu. B'responsabbilita' iddikjara illi l-attur qatt ma wera xi trattrament inuman jew vjolenti fil-konfront ta' persuni fi ħdan il-ħabs, priġunieri jew uffiċjali.

Xehed illi huwa qara l-artikoli li ġew ippubblikati dwar l-attur u saħaq li l-aġir deskritt fl-artikoli ma jirriflettix il-mod kif l-attur kien iwettaq xogħolu, għaliex huwa kien għex ix-xogħol taħt it-tmexxija tal-attur u jista' jgħid li l-allegazzjonijiet li saru huma gideb. Ikkonferma illi la l-attur u lanqas xi uffiċjal qatt uża xi arma fil-Ħabs jew ipponta xi arma f'wiċċ xi priġunier u filwaqt li huwa minnu li l-attur huwa bniedem

strett u dixxipplinat ħafna, huwa "*bniedem tan-nies*" u jimxi b'mod uman. Qal ukoll li l-attur kien eżemplari fit-tmexxija tiegħu.

Xehed ukoll li l-attur wettaq bosta riformi fil-ħabs b'mod ħolistiku, fosthom fid-dixxplina li tjiebet iżda b'mod bilanċjat. Fost ir-riformi li saru mill-attur fil-Ħabs, hemm il-knisja, uffiċini u l-akkademija u taħt it-tmexxija tal-attur ġew konfiskati numru sostanzjali ta' armi. In kwantu għall-ġarr ta' armi mill-uffiċjali tal-ħabs, kull uffiċjal kien jingħata taħriġ dwar il-ġarr tal-arma u dwar x'isir waqt il-ġarr tal-arma. Il-ġarr ta' arma mill-uffiċjali fil-ħabs dejjem kien jiġi awtorizzat mill-attur u dan kien iseħħ b'mod limitat u f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss meta kien hemm ħtieġa minħabba saħħa u sigurta' fil-Faċilita, jew għall-fini ta' taħriġ.

**Conrad Saliba**, *Senior Inspector* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin inkarigat mill-Iskwadra tal-SOG (Special Operations Group), xehed li ilu jaħdem fil-ħabs mis-sena 2000 u minħabba xogħlu fl-SOG kien jaħdem viċin ħafna tal-attur b'mod regolari. Iddeskriva lill-attur bħala persuna responsabbli u ta' integrita'u għaqal f'xogħlu. Qal li l-attur kien juża metodi umanitarji ħafna f'xogħolu, fosthom fil-komunikazzjonijiet, irrispettivament mill-gravita' tal-każ. Filwaqt li huwa bniedem iddixxiplinat ħafna, kien juża d-dixxiplina b'mod responsabbli u għaqli u kien juri rispett lejn kull individwu fil-ħabs, irrispettivament mill-każ jew storja tal-persuna. Ikkonferma li l-attur wettaq bosta riformi fil-ħabs u kien eleva numru ta' armi mill-pussess ta' priġunieri.

Ikkonferma wkoll li hemm istanzi fejn ikun hemm bżonn li l-uffiċjali u gwardjani tal-ħabs iġorru arma tan-nar u f'dawn il-każijiet, tingħata awtorizzazzjoni għall-ġarr tal-arma. Qal iżda li dawn huma każijiet limitati fejn jidħol taħriġ jew saħħa u sigurta' u spjega illi kull darba li jeħtieġ il-ġarr ta' arma tan-nar, l-uffiċjali jiġi mħarreġ fir-rigward il-mansjoni speċifika għaliex il-ġarr tal-arma jitqies bħala inkarigu sensittiv. Ix-xhud ikkonferma li qatt ma kien hemm każ fejn l-armi tan-nar intużaw b'mod irresponsabbli jew abbużiv fil-ħabs taħt it-tmexxija tal-attur u l-attur qatt ma wera vjolenza jew abbuża mis-setgħet tiegħu jew ittratta li xi ħadd, inkluż priġunier, b'mod

inuman. Saħaq li l-metodi tad-dixxiplina li kien juza l-attur kienu umanitarji u responsabbli.

Conrad Saliba kkonferma li Emanuel Cassar, li ġie intervistat mill-gazzetta li ppubblikat l-artikolu li ħassu aggravat bih l-attur, ma kienx jaħdem mill-qrib mal-attur għaliex ma kienx jifforma parti mill-SOG u jemmen li dak li ġie pubblikat sar biex titħammeġ ir-reputazzjoni tal-attur.

**Helenio Galea**, *Senior Inspector* fil-ħabs, xehed[2] illi meta l-attur inħatar bħala l-Kap Eżekuttiv tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, beda jgħaqqad tim tat-tmexxija tiegħu billi jagħti promozzjonijiet li kienu ilhom ħafna snin ma jsiru u hu kien wieħed mill-persuni fdati mill-attur. Afferma li d-dixxiplina fil-ħabs dak iż-żmien kienet xi ftit jew wisq nieqsa iżda hu beda jaħdem mal-attur fuq dan l-aspett u d-dixxiplina bdiet tiġi enforzata skont il-metodu tal-attur iżda dejjem in konformita' mar-regolamenti u ċaħad li l-priġunieri kienu jintrabtu mas-sodod jew mas-siġġijiet. Għalkemm l-attur kien jgħolla leħnu, qatt ma mess xi priġunier jew refa' idejhom fuqhom u kien imur ikellimhom, fejn kien hemm bżonn, waħdu flimkien ma' xi tnejn jew tlieta min-nies. Ċaħad speċfikatament li l-attur qatt ħareġ pistola u ppuntaha lejn xi priġunier u kkonferma li "*ħafna mill-ħin*" kien iqattagħha mal-attur u qatt ma ra dawn l-affarijiet meta kien fil-prezenza tiegħu.

Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-attur u l-iskwadra SOG kienu jġorru armi iżda dan jinżammu ġewwa *safe* u kienu jinġarru biss meta jkun jinqala' xi ħaġa, f'ċirkostanzi partikolari u skont il-kriterji li kien introduċa l-attur innifsu dwar l-użu tal-armi fil-ħabs.

**<u>Verżjoni tal-Konvenuti</u>**

[2] Xhieda tal-25 ta' Mejju 2022.

Il-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi ma xehdux f'din il-kawża iżda ressqu żewġ xhieda għad-difiża tagħhom: il-konvenut l-ieħor Emmanuel Cassar u Stephen Cachia.

Ix-xhieda tal-attur u taż-żewġ xiehda li ressaq in sostenn tal-verżjoni tiegħu, hija kontradetta bis-sħiħ mill-konvenut Emmanuel Cassar in kwantu għall-istqarrijiet speċifikatament impunjati mill-istess attur f'din il-kawża.

**Emmanuel Cassar** xehed illi huwa kien jaħdem bħala uffiċjal korrettiv fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin bejn Awwissu 1996 u Marzu 2019 meta ġie mkeċċi inġustament mill-impieg tiegħu. Irrakkonta episodju fejn priġunier jimsu Yosef Esesi kien ilmenta dwar il-fatt li kien inżamm maqful f'dormitorju fil-ħabs u kien ipprotesta biexx poġġa sodda mal-bieb tad-dormitorju biex l-uffiċjali ma jistgħux jidħlu. L-attur Alexander Dalli kien mar jara s-sitwazzjoni u kienu akkumpanjawh il-konvenut innifsu, ħuh il-Maġġur Dennis Cassar u uffiċjali mis-Special Response Team (SRT), fejn wara li rnexxilehom jiftħu l-kanċell tad-dormitorju, daħal l-attur flimkien ma' uffiċjali tal-SRT filwaqt li hu u xi uffiċjal oħrajn baqgħu barra. Billi l-bieb tħalla miftuħ u l-faċċata kollha tad-dormitorju kienet tikkonsisti f'vireg tal-ħadid bil-perspex, huwa seta' jara u jisma' dak kollu li seħħ ġewwa d-dormitorju fejn ra lill-attur joħroġ il-pistola tiegħu u lill-priġunier qallu "*Qed taraha din? Jekk ma toqgħodx sew naħliha fuqek*". Il-priġunier ġie manettjat u meħud fil-*maximum security division* tal-ħabs tħalla hemmhekk bil-manetti. Meta l-manetti waslu għandu fil-*gate house,* dawn kienu mgħawwġin.

Xehed ukoll dwar episodju ieħor fejn saret spezzjoni fil-Female Section tal-ħabs fejn kien preżenti hu flimkien ma' xi ħamsin uffiċjal ieħor kollha armati b'tarka u lembuba. Meta waslu fiċ-ċella ta' pruġuniera bl-isem Lorraine Vella, hija rvellat għaliex ħasbet li kienu ser isawtuha fejn l-attur kif ra hekk, għamlilha l-pistola ma' rasha biex isikkitha u biex ma tgħajjatax iżda iktar bdiet tgħajjat. Il-konvenut ikkonferma illi flimkien mal-attur kien hemm Helenio Galea filwaqt li fl-istess sular kien hemm ukoll żewġ xufiera tal-attur.

**Stephen Cachia**, li sas-sena 2020 kien id-Direttur Ġenerali għall-Kurrikulu u Tagħlim Tul il-Ħajja fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, xehed illi waqt li kien jokkupa l-imsemmija kariga kien żar il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin bħala parti minn delegazzjoni tal-Ministeru, fejn kien iltaqa' mal-attur. Waqt din il-laqgħa, l-attur tkellem fuq ix-xewqa tiegħu li jirrijabilita l-priġunieri u li l-priorita' tiegħu kien li jkun hemm ordni u dixxiplina fil-ħabs. Xehed illi matul din l-istess laqgħa, l-attur irrakkonta inċident li kien seħħ għall-bidu tat-tmexxija tiegħu fil-Faċilita' fejn huwa kien daħal fiċ-ċella ta' priġunier notorju bħala ringleader tal-ħabs, ħareġ revolver, għamilulu ma' ħalqu u qallu kliem fis-sens illi minn issa 'l quddiem hu kien dak li jikmanda fil-ħabs. Imbagħad, in segwitu għal-laqgħa, l-attur kien dawwar id-delegazzjoni ma' partijiet tal-Faċilita' b'*revolver* f'*holster* ma' qaddu, imexxi kealb kbir b'*muzzle* ma' ħalqu, fejn kif uriehom iċ-ċelel tas-*solitary confinement* il-ġodda, infurmahom li kellu s-setgħa jagħlaq il-provvista tal-ilma meta jrid għal kull ċella individwali.

Ix-xhud fisser kif huwa ħassu ferm skomdu waqt l-imsemmija żjara u telaq qabel il-bqija tad-delegazzjoni, flimkien ma' kollega tiegħu. Lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni kien ikkummentalu li l-imġieba u kummenti tal-attur m'huma xejn xieraq li persuna f'dik il-kariga iżda r-rejazzjoni tas-Segretarju Permanenti kienet li l-attur kien bniedem rispettat ħafna li kien irnexxielu jsolvi l-problema tad-drogs fil-ħabs.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi l-konvenut Yendrick Cioffi huwa l-awtur tal-artikolu impunjat fil-waqt illi l-konvenut Saviour Balzan huwa l-editur reġistrat tal-gazzetta 'Illum' li ppubblikat dan l-istess artikolu[3]. L-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jiddisponi illi l-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att dwar kull ħaġa ppubblikata

[3] Ara dikjarazzjoni ta' Dr. Andrew Saliba reġistrata fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021, fis-sens illi l-editur reġistrat tal-gazzetta 'Illum' huwa l-konvenut Saviour Balzan.

fil-midja tista' tittieħed kontra kull waħda mis-segwenti persuni: l-awtur, l-editur u, meta dawn tal-aħħar m'humiex faċilment identifikabbli, ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.

Għaldaqstant, in kwantu indirizzata fil-konfront tal-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi, l-editur reġistrat u l-awtur, rispettivament, l-azzjoni ġiet esperita korrettement.

In kwantu mbagħad għall-konvenut Emmanuel Cassar, jirriżulta li huwa kien ġie intervistat minn ġurnalist ta' Illum u l-artikolu li ġie pubblikat fuq l-istess gazzetta (Dok. A[4]), fih il-verżjoni li huwa kien ta lill-ġurnalist. Mill-kumpless tal-atti u l-provi il-Qorti fehmet ukoll illi l-konvenut Emmanuel Cassar ta l-kunsens tiegħu għall-pubblikazzjoni tal-artikolu u ma hemm xejn fil-provi li juri illi ma kellux il-ħsieb li jippubblika l-istqarrijiet li huwa għamel fl-intervista mal-konvenut Yendrick Cioffi[5].

Skont Gatley:

"*A person who is qualified to take advantage of the s.1 defence must show that he did not know, and had no reason to believe, that what he did caused or contributed to the publication of a defamatory publication.*"[6]

Ukoll: "*... if a person submits material to a newspaper or tells a reporter a story defamatory of the claimant without restriction on its publication, makes statements at a conference or issues a press release, he will be liable for the publication in the newspaper. An express authority or a request to publish is unnecessary.*"[7]

---

[4] Paġna 2 tal-atti tal-kawża.

[5] Gatley (On Libel and Slander) 2013 Ed., jagħti s-segwenti eżempju: "*... where X writes a letter to a newspaper and it is published therein, X is liable as author and the editor of the newspaper as editor, even though X's statement is repeated verbatim (the newspaper itself is also liable as a publisher)*" – 6.32 p. 230.

[6] Gatley, *ibid.,* 6.36 page 236

[7] Gatley *ibid.,* 6.53, page 257.

Konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 3(3) tal-Kap. 579 u bħala l-oriġinatur tal-pubblikazzjoni, il-konvenut Emmanuel Cassar jinkwadra fid-definizzjoni ta' 'awtur', li jfisser li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' l-azzjoni wkoll in kwantu indirizzata fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti Yendrick Cioffi u Saviour Balzan eċċipew illi l-bran impunjat mill-attur jikkonsisti f'rapportaġġ fidili tal-fatti u opinjonijiet tal-konvenut Emanuel Cassar u għaldaqstant, huma ma għandhomx responsabbilita' għall-pubblikazzjoni anke jekk kellu talvolta jirriżulta li dak li ġie rapportat huwa malafamanti għall-attur.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali. Huwa prinċipju ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni li l-persuni kollha li jipprokuraw jew jipparteċipaw fil-pubblikazzjoni ta' libell, ċioe' il-ġornalist, l-editur u l-persuna reponsabbli għall-pubblikazzjoni, jitqiesu li huma lkoll solidalment responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-persuna aggravata.

Fir-rigward, Gatley jagħti s-segwenti eżempju:-

"*... the signatories of a petition, praying for the removal from office of a public official, were jointly and severally liable with the person who drafted the petition for any defamatory statement contained therein.*"[8]

Konsegwentement, fil-każ tal-pubblikazzjoni f'gazzetta, l-awtur, l-editur kif ukoll il-pubblikatur huma lkoll solidalment responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' libell[9].

---

[8] Gatley, *ibid.,* page 201 6.11.
[9] Gatley *ibid.,* 6.11, page 200.

Inoltre, għandu jingħad illi bħala regola ġenerali, persuna ma tistax teludi responsabbilita' għal malafama billi tattribwixxi stqarrija malafamanti lil persuna oħra. Fir-rigward, jingħad:-

*"The 'repetition rule' reflects a fundamental canon of legal policy in the law of defamation ... that words must be interpreted, and the implications they contain justified, by reference to the underlying allegations of fact and not merely by reliance upon some second-hand report or assertion of them. ... '**repeating someone else's libellous statement is just as bad as making the statement directly', and therfore, 'for the purpose of the law of libel a hearsay statement is the same as a direct statement**.*" (emfasi tal-Qorti)

Għaldaqstant, ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi m'hijiex tajba u ser tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

L-attur jissemma b'ismu fil-pubblikazzjoni impunjata u għalhekk m'hemmx dubju li huwa identifikat. Il-Qorti għalhekk trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, stabbilit mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (l-Att), huwiex sodisfatt f'dan il-każ partikolari. Dan l-artikolu jistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja, lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u, f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju.

Qabel xejn irid jiġi stabbilit x'inhi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, ċitati iktar qabel. Jingħad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun

kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni li jitnissel mill-istqarrija impunjata hija illi **l-attur, li jirriżulta illi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni kien il-Uffiċjal Kap Eżeukuttiv tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi[10], jabbuża mis-setgħet tiegħu bl-użu ta' dixxiplina estrema u terrorizzazzjoni tal-priġunieri li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tiegħu.**

Il-Qorti tqis illi l-kariga ta' direttur jew kap eżekuttiv ta' entita' li tmexxi faċilita' penali u korrettiva - l-għola kariga fit-tmexxija tal-ħabs - hija indubbjament kariga pubblika ferm importanti u ta' responsabbilita' gravi li tesiġi mhux biss grad sostanzjali ta' kompetenza, kontabbilita`, serjeta' u dixxiplina soda, iżda wkoll doża qawwija ta' sensittivita' u prudenza fl-imġieba tal-persuna li tokkupa kariga bħal din. Dan qed jingħad naturalment, minħabba d-diffikoltajiet ġenerali riskontrati fejn jidħlu l-priġunieri li, bħala persuni maqtugħin mis-soċjeta' u pprivati mil-liberta' tagħhom, jinsabu f'sitwazzjoni li minnha nnifisha tirrendihom vulnerabbli. *Multo magis* id-diffikoltajiet miżgħuda li jiffaċċjaw priġunieri li jbatu minn ansjeta' jew problemi ta' saħħa mentali.

Hija għalhekk il-fehma tagħha illi kull imputazzjoni li l-attur jabbuża mis-setgħat tiegħu fit-twettiq ta' din il-kariga, speċjalment meta din l-imputazzjoni ssir f'pubblikazzjoni ta' *mass media* inkluż fuq *online news portal* fejn hija leġittima l-inferenza li din għandha udjenza kbira, timpinġi direttament u negattivament fuq il-kompetenza tiegħu għal din il-kariga pubblika u tiskreditah. Effettivament, l-asserzjoni li l-attur f'kariga ta' poter bħal din kien jenforza metodi ta' dixxiplina mhux ortodossi fosthom li jdaħħal arma tan-nar ma' ras jew f'ħalq priġunieri li jkunu

[10] Ara r-Rikors promotur.

jeħtieġu jiġu kontrollati jew imwissija kif ukoll priġunieri vulnerabbli, hi inerentement kapaċi li toskura b'mod serju l-istima tal-attur f'ghajnejn il-pubbliku in ġenerali[11].

"*It has been held defamatory to write of someone that he has been guilty of oppressive, intolerant, insulting, reprehensible, threatening or unbrotherly conduct, or of a breach of duty or that his actions are motivated by revenge when he asserts other motives, or that he is a 'heartless, rude bastard'; or to impute 'any dishonourable conduct to another though not involving a breach of positive law.*"[12]

Għaldaqstant, l-imputazzjoni mnissla mill-istqarrija impunjata fl-artikolu ppubblikat fil-gazzetta Illum fil-11 ta' Ottubru 2021, hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur u hija għalhekk diffamatorja fil-konfront tiegħu għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Ikkunsidrat;

Kif diġa' ngħad, il-pubblikazzjoni impunjata tikkonsisti fil-maġġor parti tagħha f'riproduzzjoni tal-allegazzjonijiet li għamel il-konvenut Emmanuel Cassar waqt intervista li kellu mal-gazzetta Illum.

Premess dan, il-Qorti tqis li jkun opportun illi tibda biex tistħarreġ il-ħames eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti, fejn jikkontendu li l-pubblikazzjoni hija dwar materja ta' interess pubbliku u li kienu qegħdin jaqdu dmirijiethom jirrapportaw dwar aħbar ta' importanza pubblika f'soċjeta' demokratika.

In sostanza, din hija d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

*1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*

---

[11] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*
[12] Gatley *ibid.* – 2.28. page 66.

*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Fid-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att il-konvenut irid jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, irid ikun dwar materja ta' interess pubbliku. L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku sewwasew biex din il-kwistjoni tiġi deċiża mill-qorti skont il-każ li jkun. Fil-fehma ta' din il-Qorti, iżda, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu b'mod ġenerali li huma materji ta' interess pubbliku, għaliex huma materji:-

"... '*such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*."[13]

Ukoll, jitqies li huwa ta' interess pubbliku materja li tikkonċerna:

"*... the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[14]

Kif rajna, l-attur kien fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata, il-Kap Eżekuttiv tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u fil-fehma tal-Qorti l-komportament tiegħu f'kariga pubblika u importanti bħal din u allegazzjonijiet konċernanti aġir abbużiv da parti tiegħu sewwasew fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu u fit-trattament tal-priġunieri taħt il-kontroll tiegħu, jikkonċernaw indubbjament materja ta' interess pubbliku. Il-pubbliku għandu interess leġittimu li jirċievi informazzjoni dwar il-mod kif uffiċjali f'karigi

---

[13] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.
[14] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143. Gatley jelenka serje ta' materji oħrajn li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:- *"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ..."*

għoljin fis-servizz pubbliku jwettqu dmirijiethom, speċjalment meta qed jiġi allegat li dawn id-dmirijiet ma jkunux qegħdin jitwettqu skont l-etika u jew il-liġi, jew fl-aħjar interess tas-soċjeta'. Il-ġornalist li jirċievi l-informazzjoni bħal din għandu dmir li, wara li jagħmel il-verifiki opportuni biex jassigura li din hi miksuba minn sorsi affidabbli u jkollha bażi fattwali soda, iwassalha lill-pubbliku b'mod imparzjali, akkurat, oġġettiv u sħiħ. Il-Qorti tifhem illi l-iprem obbligu tal-ġornaliżmu etiku huwa l-qadi tal-interess pubbliku, fejn ġornalisti huma mistennija jaħdmu b'mod ħieles u mingħajr kunflitti ta' interess jew indħil minn forzi esterni li jistgħu jissopprimu t-trasmissjoni jew aċċess ħieles għal informazzjoni u dibattitu miftuħ fuq materji ta' interess pubbliku.

Għandu jiġi senjalat ukoll li jista' jkun il-każ fejn għalkemm minn perspettiva wiesa', is-soġġett in materja fil-pubblikazzjoni jitqies li huwa ta' interess pubbliku ġenerali, mhux l-istess jgħodd għall-istqarrija speċifika taħt skrutinju, bir-riżultat li d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att ma ssibx riskontru in kwantu l-kontenut **kollu** tal-pubblikazzjoni. Jeħtieġ f'kull każ illi jiġi determinat jekk huwiex raġjonevoli li l-istqarrija speċifika impunjata titqies bħala parti mill-materja li hija ta' interess pubbliku u hawnhekk jidħol l-element tal-ġudizzju editorjali tal-pubblikatur (*editorial judgement*).

Il-Qorti tqis illi l-fatt li l-attur f'dan il-każ kien persuna pubblika, ikompli jiġġustifika l-identifikazzjoni tiegħu għaliex fil-fehma tal-Qorti, mhux possibbli f'każ bħal dan li jiġu pubblikati l-dettallji ta' materja ta' interess pubbliku mingħajr ma tinkixef l-identita' tal-attur. Dan għall-Qorti jirrinforza l-fehma tagħha illi oġġettivament, il-pubblikatur seta' raġjonevolment emmen li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet diffamatorju kienet fl-interess pubbliku.

Tqis ukoll illi l-istqarrijiet impunjati speċifikatament mill-attur, liema stqarrijiet jidentifikaw u jiddeskrivu l-irqaqat tal-allegat imġieba minaċċjuża tiegħu u t-tattiċi estremisti li allegatament jimpjega biex jenforza d-dixxiplina u ordni fil-ħabs, fosthom li jippomta arma tan-nar f'wiċċ il-priġunieri li jisfidaw l-aspettattivi tiegħu fuq livell

ta' ubbidjenza sistematika, jistgħu ukoll raġjonevolment jitqiesu bħala parti mill-materja ta' interess pubbliku. **Dan qed jingħad għaliex dawn id-dettallji diffamatorji jikkostitwixxu parti integrali mill-istorja u jwasslu sewwasew il-gravita' tal-imġieba mhux xierqa li qed tiġi attribwita lill-kap eżekuttiv tal-ħabs. Bħala tali, dawn id-dettallji jikkontribwixxu għall-element tal-interess pubbliku tal-artikolu impunjat u mhuwiex il-każ li ssemmew biss għall-fini ta' sensazzjonaliżmu.**

Huwa proprju għalhekk li l-liġi, fid-dispozizzjonjiet tal-liġi li jirregolaw id-difiza tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, tipprovdi li fid-deċiżjoni dwar jekk kienx raġjonevoli għall-konvenut li jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet fl-interess pubbliku, il-Qorti għandha tippermetti ġudizzju editorjali.

Il-kunċett tal-ġudizzju editorjali ġie mfisser mill-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012), hekk:-

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*".[15]

Jingħad ukoll li għall-fini tal-eżerċizzju fejn għandu jiġi determinat jekk ir-rapportaġġ taħt skrutinju huwiex konformi mal-kriterji ta' ġornaliżmu responsabbli, il-ġornalisti għandhom igawdu minn kejl wiesa' ta' diskrezzjoni u apprezzament professjonali u l-qrati għandhom jevitaw li jissostitwixxu l-fehmiet tagħhom dwar liema tekniċi tar-rapportaġġ kellhom jiġu addottati fil-każ speċifiku.

Fil-fatt, it-tieni rekwiżit li għandu jiġi sodisatt għas-suċċess tad-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att, huwa li konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija

[15] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647

li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku. Dan ir-rekwiżit irid ikun sodisfatt sija minn perspettiva soġġettiva tal-pubblikatur u sija wkoll mil-lat oġġettiv.

Ikkunsidrat;

Illi l-perspettiva oġġettiva teħtieġ li ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz jiġu kkunsidrati, fosthom il-materji identifikati minn Lord Nicholls fid-deċjiżjoni **Reynolds v. Times Newspapers Ltd**[26], f'lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li huma relevanti għall-materja dwar jekk l-i*standards* ta' ġornaliżmu responsabbli, intlaħqux fil-każ taħt eżami. Lord Nicholls elenka s-segwenti kriterji:-

1. *The seriousness of the allegation. The more serious the charge, the more the public is misinformed and the individual harmed, if the allegation is not true.*
2. *The nature of the information, and the extent to which the subject-matter is a matter of public concern.*
3. *The source of the information. Some informants have no direct knowledge of the events. Some have their own axes to grind, or are being paid for their stories.*
4. *The steps taken to verify the information.*
5. *The status of the information. The allegation may have already been the subject of an investigation which commands respect.*
6. *The urgency of the matter. News is often a perishable commodity.*
7. *Whether comment was sought from the plaintiff. He may have information others do not possess or have not disclosed. An approach to the plaintiff will not always be necessary.*
8. *Whether the article contained the gist of the plaintiff's side of the story.*
9. *The tone of the article. A newspaper can raise queries or call for an investigation. It need not adopt allegations as statements of fact.*
10. *The circumstances of the publication, including the timing.*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi huwa minnu li f'dan il-każ l-intervistat, Emmanuel Cassar, kien tkeċċa mill-impieg tiegħu fil-ħabs mill-attur innifsu u għalhekk il-konvenuti kienu obbligati jassiguraw li l-asserzjonijiet tiegħu, rapportati minnu, kellhom bażi fattwali soda. Dan qed jingħad għaliex evidentement, il-konvenut jemmen li huwa safa vittma ta' inġustizzja serja mwettqa mill-attur fil-konfront tiegħu u għalhekk, il-Qorti tqis li għandha żżomm quddiem għajnejha l-possibbilita' li d-dikjarazzjonijiet tal-konvenut Emmanuel Cassar dwar l-imġieba allegatament abbużiva tal-attur ġewwa l-Ħabs setgħu - għaliex hekk topera l-psikoloġija tal-bniedem - kienu potenzjalment motivati minn sentiment ta' preġudizzju u tpattija għaliex kellu "*an axe to grind*". Għalhekk f'ċirkostanzi bħal dawn fejn il-konvenuti qegħdin jirrapportaw stqarrijiet li indubbjament u inerentement huma ta' kalibru li jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur, il-konvenuti kellhom oneru iktar gravi li jivverifikaw il-korrettezza tal-istqarrijiet tal-konvenut Emmanuel Cassar fejn jikkonċernaw l-imġieba tal-persuna li keċċietu mill-impieg tiegħu inġustament. Fil-fatt, fi kliemu stess, riprodott fl-artikolu: "***Qed nitkellem mhux minħabba dak li għamlu lili biss****, imma anke dak li qed jagħmlu lill-priġunieri*." (emfasi tal-Qorti)

**Madanakollu, il-Qorti tqis li għandu jingħata piż qawwi lill-fatt li l-pubblikazzjoni tikkonċerna direttament allegat abbuż li kien qed jitwettaq minn ħadd ħlief il-kap eżekuttiv tal-ħabs, ġo post li m'huwiex apert lill-pubbliku u jitmexxa b'kontrolli stretti ta' sigurta' fejn anke jsir skrutinju ta' kull korrispondenza u komunikazzjoni dieħla u ħierġa mill-ħabs. Tqis illi allegazzjonijiet dwar abbużi li qegħdin jitwettqu fil-ħabs minn kap li jista' ma jkollux il-kwalitajiet meħtieġa għall-kariga, fejn allura dan l-abbuż kien qiegħed potenzjalment jagħmel ħsara emottiva lill-priġunieri inkluż dawk li huma iktar vulnerabbli minn oħrajn, huma allegazzjonijiet ferm serji li jeħtieġu jingħataw importanza elevata, *multo magis* meta s-sors tal-informazzjoni huwa xhud dirett tal-fatti allegati.**

Il-Qorti tosserva wkoll, skont ma jirriżulta mill-artikolu nnifsu, illi qabel il-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat, **il-konvenuti għamlu tentattiv biex jiksbu l-**

**kummenti u l-verżjoni sija tal-attur u sija wkoll tal-Ministru billi ġimgħa qabel, kienu bagħtulhom mistoqsijiet, liema mistoqsijiet madankollu, baqgħu ma ġewx imwieġba**.

Ħadet qies ukoll tal-fatt illi l-konvenuti, qabel ippubblikaw l-artikolu, **ħadu passi biex jivverifikaw il-kredibbilita' tas-sors tagħhom** meta investigaw speċifikatament l-allegazzjoni ta' Emmanuel Cassar li l-attur kien keċċih inġustament mill-impieg tiegħu fil-ħabs, billi kkonsultaw ir-rapport tal-Ombudsman u kkonkludew, kif rapportat fl-artikolu, li "*kull ma qal Cassar* [dwar it-tkeċċija inġusta tiegħu minn gwardjan tal-ħabs] *kien veritier*" u speċifikatament, il-fatt illi l-Ombusdman kien esprima dubji dwar l-indipendenza tal-Bord ta' Dixxiplina li kien sab li l-konvenut kien ġab ruħu b'nuqqas ta' rispett lejn il-kollegi tiegħu fuq il-post tax-xogħol.

Barra minn hekk, jirriżulta illi fl-artikolu impunjat, il-konvenuti irrapportaw b'mod bilanċjat il-fatti sija favur u sija kontra l-kredibbilita' tas-sors tagħhom, ċioe' tal-konvenut Emmanuel Cassar, u dan meta rrapportaw li huwa kien ġie mkeċċi mill-impieg tiegħu minħabba mġieba ta' rispett lejn il-kollegi tiegħu kif ukoll li kien diġa' ingħata, preċedentement, twissija dwar tkeċċija mill-impieg wara li kien ġie kundannat b'sentenza sospiża is-sena ta' qabel.

**Fuq kollox il-Qorti tqis illi oġġettivament, il-pubblikazzjoni tal-artikolu bl-istqarrijiet impunjati tista' titqies bħala sejħa għall-investigazzjoni uffiċjali tal-allegazzjonijiet dwar l-attur fl-eżerċizzju tal-kariga tiegħu, kariga pubblika li kif rajna teħtieġ li min jokkupaha, jibqa' f'kull żmien, kontabbli lejn il-poplu għall-qadi serju u responsabbli tal-istess**.

Il-Qorti rat ix-xhieda tal-konvenut Emmanuel Cassar li kkonferma bil-ġurament il-fatti rakkontati minnu waqt l-intervista u rat ukoll ix-xhieda ta' Stephen Cachia li afferma mhux biss li l-episodju fejn l-attur poġġa revolver ma' ħalq priġunier, kien qallu bih l-attur innifsu waqt laqgħa li kellu miegħu ġewwa l-ħabs, iżda afferma wkoll sensazzjoni ta' intimidazzjoni li ġiet imnissla mill-imġieba tal-attur meta ġarr *revolver*

ġo *holster* ma' qaddu u b'kelb kbir b'*muzzle* ma' ħalqu biex idawru mal-ħabs waqt zjara uffiċjali. Din ix-xhieda tikkorrobora wkoll dak li ġie rapportat mill-konvenut Emmanuel Cassar fl-intervista pubblikata, li l-attur "*kien iżomm l-arma fuq ġenbu, f'pocket kannella*".

Tosserva illi la l-attur u lanqas il-konvenuti ma kkonfrontaw lil xulxin u lix-xhieda mressqin minnhom rispettivament bil-mezz tal-kontro-ezami. Iżda hi tal-fehma li dan in-nuqqas jassumi sinjifikat iktar gravi fil-każ tal-attur li, minkejja li xehed li dak kollu li ġie allegat huwa gidba sfaċċata u minkejja li ġie rinfaċċjat bix-xhieda ġuramentata tal-konvenut Emmanuel Cassar fejn ikkonferma li huwa pperċepixxa direttament il-fatti minnu rakkontati waqt l-intervista rapportata fl-artikolu impunjat, u ġie rinfaċċjat ukoll bix-xhieda ġuramentata ta' Stephen Cachia li kkonferma li l-attur innifsu qallu li kien għamel *revolver* ma' ħalq priġunier, ma dehrlux li kellu jipprova jwaqqa' l-kredibbilita' tagħhom.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Marzu 2018, fejn ġie ritenut[16]:-

*"Ghalkemm din il-Qorti taqbel illi n-nuqqas li jsir kontro-ezami ta' xhud ma jsarrafx* ut sic *f'ammissjoni implicita tal-kontenut tad-depozizzjoni, tqis ukoll illi dan in-nuqqas inevitabbilment idghajjef il-kontestazzjoni tal-parti l-ohra ta' dawk l-allegazzjonijiet li setghu gew diretti kontriha mix-xhud, u finalment ukoll it-tezi tal-istess parti. ... Hawnhekk mhux qeghdin fil-kamp tal-kontumacja fejn dan l-argument tal-attrici kien ikollu mis-sewwa, izda fil-kamp tal-provi fejn l-applikazzjoni tal-principju* actor non probante reus absolvitur, *galadarba tkun saret il-prova, tesigi li l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-parti opposta biex, jekk jidhrilha, tressaq provi kuntrarji biex iqieghed fid-dubju l-prova akkwizita."*

Huwa minnu li l-konvenuti wkoll ma sfidawx il-verżjoni tal-attur u tax-xhieda li ressaq in sostenn tal-verżjoni tagħhom, iżda fil-fehma tal-Qorti, meta l-konvenuti

[16] Catherine Cali Vincenti pro et noe v. Stephen Cali.

eċċipew ukoll li l-allegazzjonijiet pubblikati m'humiex foloz, huma kienu qegħdin isostnu li huma veritieri u konsegwentement, kien ferm bżonnjuż li tiġi sottopposta għal skrutinju l-kredibbilita' tal-verzjoni ġuramentata ta' min ippeċepixxa l-fatti asseriti personalment u qed isostni li l-istqarrijiet libellużi huma l-verita'.

Di pju', il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-asserzjoni tal-attur illi huwa kien iġorr arma tan-nar fuqu biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ġiet kontradetta bis-sħiħ bix-xhieda preċiża ta' Emmanuel Cassar u Stephen Cachia li rawh b'għajnejhom iġorru arma tan-nar fil-ħabs: fil-każ tal-konvenut, regolarment, u fil-każ ta' Stephen Cachia matul żjara uffiċjali fil-ħabs fejn ma jirriżultax li kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu.

B'dan kollu, il-Qorti mhux qiegħda ssostni jew timplika li mhux minnu li l-attur wettaq riformi importanti u pożittivi fil-ħabs, li ma kienx persuna ta' integrita' u għaqal f'xogħlu, jew li ma kienx rispettat mill-priġunieri u jew l-uffiċjali tal-ħabs, iżda kollox magħdud, ma tqisx li dak li ntqal fit-testimonjanza tal-attur u tax-xhieda tiegħu, jeskludi l-veraċita' tal-verżjoni tal-konvenuti u ta' Stephen Cachia.

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha **George Bugeja v. Joseph Meilak**[17] qalet in propositu, illi:-

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*"

[17] 3 Deciza fit-30 ta' Ottubru 2003.

Jingħad illi fil-kamp ċivili, il-Qorti trid tiddeċiedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet billi tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, sabiex "*b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo*'"[18]

**F'dan il-każ, miżmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti hija konvinta fuq il-preponderanza tal-provi fuq bażi ta' probabbilitajiet, li l-asserzjonijiet pubblikati fl-artikolu impunjat dwar l-attur huma in sostanza korretti, u ma taqbilx li l-pubblikazzjoni tista' titqies bħala frott ta' ġornaliżu mhux responsabbli.**

Wieħed irid jiftakar ukoll illi l-istandard li huwa mistenni minn ġornalist responsabbli m'huwiex il-perfezzjoni: il-pożizzjoni għandha tiġi analizzata komplessivament b'dan illi ommissjonijiet jew ineżattezzi fir-rapportaġġ li, meqjus il-kuntest sħiħ, jistgħu jitqies li huma minuri fir-rapportaġġ, ma għandhomx ikunu fatali għal din id-difiża[19].

Huwa minnu illi iktar ma tkun serja l-allegazzjoni u fejn l-allegazzjoni ikollha l-propensita' tinforma ħażin lill-pubbliku u tikkaġuna ħsara lill-individwu konċernat, iktar ikun mistenni li min jippubblika jeżerċita grad ta' diliġenza ogħla. Iżda fil-każ in diżamina, il-Qorti hija sodisfatta, għar-raġunijiet gia' msemmija aktar qabel, illi l-konvenuti eżerċitaw id-diliġenza meħtieġa fil-pubblikazzjonijiet tal-istqarrijiet impunjati. Fuq kollox, ir-referenzi li saru lill-imġieba tal-attur li, kif stabbilit, hija materja ta' interess pubbliku, jidher li huma sostanzjalment korretti fuq livell fattwali u f'kull każ, m'humiex miżgħuda bl-espressjoni ta' kummenti u opinjonijiet u lanqas b'xi sensazzjonaliżmu żejjed.

Ikkunsidrat;

---

[18] **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, Appell Inferjuri, deciz 17 ta' Marzu 2003.

[19] Fil-fatt, il-Qorti tosserva illi fil-waqt li fl-artikolu il-konvenut Emmanuel Cassar ġie rapportat jgħid li l-attur daħħal l-arma f'ħalq il-priġuniera li kienet qed tgħajjat u tagħmel irvell, fix-xhieda tiegħu qal li kien poġġa l-arma ma' ħalqha. Madanakollu, is-sustanza tal-allegazzjoni ("the gist of the libel") ġiet ippruvata għaliex il-messaġġ li jwasslu l-istqarrijiet impunjati hu li l-attur jitterrorizza lill-priġunieri bi-lġarr u ppuntar tal-armi lejn il-priġunieri, ċioe' bl-imġieba estrema tiegħu.

Illi in kwantu għat-test soġġettiv, il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, hija tal-fehma illi ma ġie ppruvat bl-ebda mod illi l-konvenuti f'dan il-każ ma kienux jew ma setgħux raġjonevolment jemmnu, minn perspettiva soġġettiva u fl-assjem tal-fatturi kollha appena kkunsidrati, li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati mill-attur, ma kienux dwar materja ta' interess pubbliku. Din il-prova ġeneralment issir billi jintwera li l-pubblikatur naqas b'mod deliberat milli jsemmi fatti jew provi skolpanti noti lilu jew billi jintwera li bħala fatt, ma kien hemm l-ebda bażi fattwali għall-kumment. Iżda f'dan il-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova fl-atti li turi illi l-konvenuti naqsu xjentement milli jsemmu xi fatt eżistenti dak iż-żmien jew li aġixxew b'malizzja: kif ingħad, l-attur u l-Ministru (presumibbilment il-Ministru responsabbli għall-ħabs) ma weġbux għall-mistoqsijiet li sarulhom mill-konvenut fir-rigward. Fuq kollox, il-fatt li ntbagħtulhom dawn il-mistoqsijiet ma ġiex kontradett mill-attur. Għalhekk, jekk kien hemm xi nuqqas ta' rapportaġġ dwar fatti skolpanti, dan hu imputabbli lill-attur u lill-Ministru u mhux lill-konvenuti.

Hawnhekk il-Qorti tqis li jkun opportun li tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Norman Bezzina v. Joe Mifsud**[20], fejn ritentiet:-

"*Fil-fatt, fil-kawża* ***Aquilina noe v. L-Avukat Ġenerali et****, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza għall-ġurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja in kwistjoni: "Fil-kawża* ***Galea v. Mifsud****, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2009, intqal li ġurnaliżmu investigattiv għandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in ġenerali li jkun infurmat. Inqtal a propositu li: "meta Qorti tkun rinfaċċjata b'ġurnaliżmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija għandha tagħti marġini u latitudni mill-aktar wiesa' lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-eżami ta' jekk kumment ikunx wieħed fair o meno (ara ez.* ***Victor Pace v. Joe Azzopardi et*** *Qorti tal-Appell, 8/6/2004); u wieħed jista'*

[20] Deċiza 26.3.2010.

*jmur oltre u jgħid li meta si tratta ta' ġurnaliżmu investigattiv u responsabbli jista jagħti l-każ li, jekk jikkonkorru ċerti ċirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilita' għall-malafama anke jekk sussegwentement jirriżulta xi fatt wieħed jew aktar li jkun ġie pubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet* ***Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL*** *(2006) UKHL 44 (2006) All ER(D) 132 (Oct.)).*"

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u stabbilit li l-istqarrijiet impunjati huma dwar materja ta' interess pubbliku, il-ġudizzju editorjali tal-konvenuti ġie eżerċitat b'mod responsabbli da parti tagħhom, mingħajr ebda prova li ma kienux jemmnu li effettivament il-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati kienu dwar materja ta' interess pubbliku. Għalhekk id-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att, invokata fir-Risposta tal-konvenuti, hija mistħoqqa għaliex tissodisfa l-kriterji kollha tal-liġi u konsegwentement, qed tiġi milqugħa b'dan illi l-pubblikazzjoni qiegħda titqies li hija rapportaġġ in buona fede dwar materja ta' interess pubbliku u kwindi m'hijiex diffamatorja.

Dan ifisser li m'hemm ħtieġa li jiġi investit is-siwi tal-eċċezzjoni sollevata fir-raba' paragrafu tal-konvenuti Yendrick Cioffi u Saviour Balzan fir-Risposta tagħhom, fejn ġie eċċepit li l-pubblikazzjoni ma fihiex allegazzjonijiet foloz u li tikkostitwixxi *fair comment*.

**Għal dawn il-motivi qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:-**

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fil-konfront tal-konvenut Albert Gauci Cunningham;**

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni wkoll tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi u tiċħad ir-raba' eċċezzjoni fir-Risposta tagħhom;**

**Tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi fir-Risposta tagħhom;**

**Tilqa' wkoll l-eċċezzjonjiet sollevati mill-konvenut Emmanuel Cassar fir-Risposta tiegħu safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, u**

**Konsegwentement, tiċħad it-talba tal-attur Alexander Dalli, bl-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**